MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 333/2010

**Ignatius Busuttil**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta’ Frar, 2010 fejn l-attur qal illi huwa sid tal-garaxx bl-isem Mclaren fi Triq l-Iskola Msida u ricentement l-intimat haffer ghal gandott sabiex jghaddi cable fi Triq Victor Denaro li tigi fuq it-triq tal-attur. Meta kien qieghed jithaffer il-gandott bdiet taghmel ix-xita.

L-intimat halla dan il-gandott ghal gimghatejn miftuh bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita beda jingabar f-dan il-gandott u eventwalment jidhol fil-garaxx tal-esponenti li soffra hsarat.

Illi l-hsarat jammontaw ghal cirka tlett elef erbgha mija u disghin ewro (€3,490) jew somma ohra li jistabbilixxi dan it-Tribunal bil-ispejjez kontra l-intimat.
Illi l-Awtorita intimata wara li giet debitament notifikata pprezentat risposta fil-11 ta' Marzu, 2010 u eccepixxa illi mhux il-legittimu kontradittur u dan peress illi x-xogholijiet inkwistjoni ma gewx ippjanati mill-Awtorita u lanqas ma hi l-entita involuta f'dawn l-istess xogholijiet.

Minghajr pregudizzju ghas-suepost l-Awtorita intimata tirrispingi l-allegazzjoni li l-pretenzjonijiet fil-konfront taghha u bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati u pretizi mill-attur qed jigu kkontestati.

Fil-kawza giet kjamata in kawza l-Korporazzjoni Enemalta li pprezentat risposta fit-3 ta' Gunju, 2010 fejn eccepiet illi l-pretenzjonjiet tal-attur fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Korporazzjoni mhijiex assolutament responsabbli ghall-akkadut.

Illi ghalhekk it-talbiet atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta ghandhom jigu michuda.

Giet kjamata in kawza il-Kumpanija JAS limited li imbaghad b'talba tal-24 ta' Novembru, 2010 gie kkoregut l-isem ghal JAJ Co. Ltd. Liema kumpanija pprezentat risposta fit-28 ta' Gunju 2010 fejn eccepiet illi in linea preliminari t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta ecceipjenti huma insostenibbli stante illi m'hix il-legittimu kontradittur peress illi ma tezisti u qatt ma ezistiet ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Fl-14 ta' Ottubru, 2010 il-kumpanija JAJ Co. Ltd ipprezentat risposta ohra fejn eccepiet illi preliminarjament is-socjeta kjamata in kawza mhix indikata tajjeb. L-isem korrett huwa JAJ Co Ltd bin-numru tar-registrazzjoni C 22257. Ghalhekk l-attur ghandu jirregola ruhu.

Preliminarjament u mnghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta esponenti mhix il-legittimu kontradittur tal-attur stante illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejniethom.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-attur huma ghal kollox intempestivi u dan stante illi s-socjeta esponenti qatt ma giet infurmata bl-incident de quo jew interpellata taghmel tajjeb ghal hsarat allegatament subiti mill-attur qabel in-notifika tad-digriet tal-kjamat in kawza tat-12 t'April, 2010.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess is-socjeta' esponenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-attur kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk, it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu respinti.

Ghaldaqstant fejn jirrigwarda s-socjeta esponenti, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni allegatament subiti mill-attur huwa kontestat u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat skond il-ligi.

Dan premess, m'hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta esponenti ghall-hlas tad-danni favur l-attur. Salvi eccezzjonijet ohra premessi mill-ligi. Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Fit-12 ta' April, 2010 xehed Joseph Seychell prodott minn Transport Malta li spjega li Transport Malta tohrog biss il-permessi sabiex isiru xi xogholijiet fit-toroq. Bhala entita jaraw illi t-tarmac isir skond ir-regolamenti u l-permess izda f'dan il-kaz gara li kien hemm xi problema meta kienet ser tithaffer it-trinka u x'hin kien qed jahdem il-kuntrattur. Ix-xhud spjega wkoll illi ghalkemm it-Transport Malta hija responsabbli ghall-ippjanar tat-toroq meta jkun hemm entitajiet ohra li jirrikjedu certi xogholijiet dawn il-permessi jinghataw direttament lil tali entita jew kuntrattur.

Xehed Ignatius Busuttil li spjega li hu ghandu garaxx li jinsab f'Victor Denaro Str Msida pero l-entratura tinsab

School Str. Huwa filfatt ghandu zewg garaxxijiet li jinfdu u taht ghandu bir ta’ kapacita 500 litru kubu. Fit-23 ta’ Settembru, 2009 beda diehel l-ilma mill-bir u ghamillu hsara kbira fl-affarijiet li kellu fil-garaxx. Il-bir kien zbroffa meta kien hemm ingress qawwi ta’ ilma wara li trinka mhaffra tit-triq thalliet miftuha ghal tlett gimghat. L-attur ipprezenta sett ritratti tal-garage u tal-bir kif ukoll rapport tal-Perit Ian Critien li kkonkluda li l-kawza diretta tal-ingress qawwi ta’ ilma li b’konsegwenza tieghu ghereq il-garaxx kien gej direttament mit-trinka li thalliet miftuha fi Triq Victor Denaro li kkagunat post minn fejn jidhol l-ilma tax-xita. Dan ir-rapport gie mahluf fit-3 ta’ Frar, 2011.

Xehed Joseph Seychell prodott minn Transport Malta li bil-gurament tieghu qal illi huma bhala awtorita ma kellhom ebda xogholijiet fi triq Victor Denaro Msida u ma nkarigaw ebda kuntrattur biex jaghmel xi xoghol ghan-nom taghhom. Ix-xhud qal li kien jaf illi l-Enemalta kienet ghamlet talba biex isiru  xi xogholijiet fil-perjodu bejn id-9 ta’ Settembru, 2009 u t-30 ta’ Settembru, 2009. Spjega kif Transport Malta tmur fuq il-post wara li jitlesta x-xoghol biex tara jekk it-tarmac u l-livellar tat-triq ikunux saru sew jew le. Dan ix-xhud qal illi Transport Malta qatt ma tmur on site waqt ix-xogholijiet.

Fil-mori tal-kawza miet Alfred Mizzi d-Direttur tal-Kumpanija kjamata inkawza JAJ Co. Ltd. U ma nstab hadd minn jirraprezenta din il-kumpanija peress illi skond ix-xhud Christian Mizzi iben il-mejjet Alfred Mizzi qal illi flok missieru ma hemm hadd. Gie prodott ukoll ix-xhud Silvano Cutajar li kien jahdem mal-kumpanija kjamata in kawza JAJ Co Ltd pero dan ix-xhud minkejja li mmar xi darbtejn fuq il-lant tax-xoghol fit-triq in kwistjoni jghid li ma jaf xejn izjed, lanqas kemm damu ghaddejjin bix-xogholijiet f’din it-triq.

Xehed ukoll Carmelo Mizzi li jigi hu Alfred Mizzi u li kien jahdem mal JAJ Co Ltd li spjega li din il-kumpanija kiem imexxiha huh Alfred wahdu u hu ma kien jaf xejn fuqha.

Gie prodott Mario Sultana bhala xhud tal-Enemalta li qal li huwa technical officer mal-istess Korporazzjoni. Dan ix-xhud qal li l-kuntrattur huwa responsabbli anki jkun hu li jipprepara l-permess. Pero mistoqsi in kontro ezami jikkonferma li x-xogholijiet esigiethom l-Korporazzjoni Enemalta. Spjega wkoll illi mhux il-prattika li jkun hemm persuna di sentu tissorvelja x-xoghol pero jkun hemm persuna li minn hin ghal iehor tissorvelja li kollox ikun ghaddej sew u kien hu li jittawwal fuq il-post. Jghid illi x-xoghol dam madwar hmistax u ma jafx jekk marx darbtejn jew tlieta. Mistoqsi direttament mit-Tribunal jekk setghax jikkonstata kif setgha dahal l-ilma ghand l-attur dan ix-xhud qal illi setgha issipja mill-blat.

Xehed Jesmond Brincat li spjega illi l-kumpanija JAJ Co Ltd kienet giet inkarigata biex taghmel din il-bicca xoghol. Dan ix-xhud ghamel riferenza ghal paragrafu 14 tal-kuntratt li ffirma Alfed Mizzi li jghid illi l-kuntrattur ghandu jiehu kull prekawzjoni sabiex jelimina hsara jew hsarat lil pubbliku u l-haddiem kif ukoll li kwalunkwe hsara fil-proprjeta jew persuni tkun responsabbilta tal-kuntrattur. San ix-xhud spjega illi r-responsabbilta tal-hsarat taqa kollha fuq il-kuntrattur pero ma setax jghid jekk saritx supervision fuq ix-xoghol ghax dan ma kienx jaqa taht il-kompitu tieghu.

Xehed ukoll Partick Borg Cardona illi l-inkarigu tieghu minbarra li huwa inginier huwa dak ta’ manager mal-Korporazzjoni fis-Central Area. Huwa spjega li kien hemm bzonn li jghaddu xi cables mis-sub station ghal blokka flats li kienet inbniet. Huwa spjega illi din il-bicca xoghol kienet bicca xoghol bazika u normali. Filfatt dan ix-xhud qal illi ghandhom procedura apposta kif jghaddi l-cable fil-genb tat-triq u l-ammont li jrid jithaffer. Xehed ukol li t-tul taz-zmien tax-xoghol kien tajjeb u nghalaq kollox u ma kellhom ebda problema mal-kuntrattur. Mistoqsi jekk il-kuntrattur haffirx izjed milli jmissu dan ix-xhud qal illi ma jafx pero l-kuntrattur ma jaqbillux ghaliex li jhaffer izjed ma jithallasx tieghu. Li kieku kien hemm xi problema kien jinfurmah il-foreman. Meta gie mistoqsi dwar xita dan ix-xhud qal li ma jafx kienx hemm xita pero l-kuntrattur kien qallu li din il-kwistjoni tax-xita kienet grat fil-weekend. Ix-

xhud spjega kif it-trinka tithalla mikxufa izda titghatti bi pjanca biex tnaqqas l-inkonvenjent u spjega wkoll illi l-fond tat-trinka jigi deciz mill-Enemalta.

Wara li t-Tribunal sema x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jikkunsidra:

Illi f'din il-kawza l-attur soffa danni fl-affarijiet illi kien qed jahzen fil-garaxx tieghu. Din il-hsara grat meta l-Enemalta qabdet kuntrattur u tatu struzzjonijiet sabiex ihaffer trinka. L-Enemalta pprezentat kuntratt li permezz tieghu tefghet ir-responsabilta tax-xogholijiet u hsarat lil terzi fuq l-istess kuntrattur. Minkejja dan il-ftehim ir-responsabbilta legali tal-Korporazzjoni Enemalta tibqa xorta flimkien mar-responsabilta li ghandu l-kuntrattur.

L-attur gab bizzejjed provi sabiex jipprova li dahallu l-ilma u kkagunalu hsara pero fl-opinjoni tat-Tribubal ma rnexxilux jipprova li l-ispiza telghet ghal tlett elef erbgha mija u disghin ewro.

Min-naha l-ohra l-Korporazzjoni Enemalta u l-kumpanija JAJ Co Ltd ma rnexxilhomx bl-ebda mod ixejnu il-provi migjuba mill-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi illi filwaqt illi ma jilqax it-talbiet tal-attur fil-konfront ta Transport Malta jilqahom fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta u tal-kumpanija JAJ Co Ltd u in solidum bejniethom jikkundannahom ihallsu lil attur l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) bhala kumpens ghall-hsarat li garrab l-attur fl-affarijiet li kellu fil-garage tieghu.

Bl-imghax ikun dekorribli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti in kwantu wiehed minn erbgha mill-Enemalta filwaqt illi tlieta minn erbgha jithallasu mill-kumpanija JAJ Co. Ltd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------